## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 41/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Peter sive Pierre Falzon**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Peter sive Pierre Falzon detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 535060 M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u cioe' talli;

1. F'dawn il-gzejjer, fis-17 t'Ottubru 2007, meta kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li kienu

gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bhala veru fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux;

2. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, filwaqt li minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu ta' ufficjal pubbliku, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

3. Fl-istess data, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tapplika l-provvediment tal-artikoli 30 (1) (a) u 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Jannar 2018 fejn filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija u fit-termini tal-artikolu 190 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat ukoll fil-konfront tieghu l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10 (7) tal-Kapitlu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat li s-sentenza tkun

notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tkun pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Peter sive Pierre Falzon, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Frar 2018, li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi: i) Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati u konsegwentement gie illiberat; ii) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn instab hati u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah skont il-ligi; iii) Thassarha u tirrevokaha ukoll fil-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti astjeniet li tiehu konjizzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi; iv) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn ordnat l-interdizzjoni generali u perpetwa fil-konfront tal-imputat. **Jew** alternattivament, u minghajr pregudizju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tkun imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lil-partijiet fis-sottomissjonijet orali taghhom;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar allegata falsifikazzjoni fi skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu konsistenti

f'valur anqas minn dak allegat mill-kwerelant u sussegwenti iskrizzjoni ta' ipoteka f'valur anqas minn dak dikjarat mill-partijiet;

2. Illi mill-provi akkwiziti, jemergi illi lura fis-sena 2004 Joseph Cassar u martu, minn issa msejhin "il-kwerelanti" kienu dahlu f'konvenju ma' Alan Jones Briffa f'isem is-socjeta' B.Kam Holdings Limited, minn issa msejjah "il-kuntrattur" fejn il-kwerelanti weghdu li jixtru minghand il-kuntrattur li wieghed li jbiegh lilhom in-nofs indiviz ta' proprjeta' fi Swieqi u nofs indiviz iehor ta' proprjeta' f'Bormla ghall-prezz ta' 38,000.00 Liri Maltin. Fil-konvenju bejn il-partijiet, il-kwerelanti hallsu akkont u bhala depozitu s-somma ta' 3,800.00 Liri Maltin izda ftit wara, kien sar ftehim iehor fejn il-partijiet rrinunzjaw ghall-bejgh u xiri tan-nofs indiviz tal-proprjeta f'Bormla b'dan illi hallew l-istess depozitu mhux mittifes akkont tal-prezz tal-proprjeta fi Swieqi, ossia ma hadux rifuzzjoni ta' dak id-depozitu li issa gie akkont tal-prezz tal-proprjeta' fi Swieqi bil-valur ta' 19,500 kwantu valur tan-nofs indiviz;,

3. Illi minkejja li dan kien konvenju ghall-akkwist u bejgh ta' nofs indiviz ta' proprjeta, l-kwerelanti kienu bdew ihallsu lill-kuntrattur ghall-ispejjez ta' kostruzzjoni u sa certu punt kienu hallsu ukoll il-bilanc tal-prezz intier wara li allegatament ikkonfermaw mal-imputat li kollox kien sew ghar-rigward tar-ricerki. Wara dan il-hlas flimkien ma' dawk ta' xi spejjez ohra kif gia inghad, l-kwerelanti talbu li tithejja skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu sabiex ikunu koperti sia mill-prezz minnhom imhallas kif ukoll tal-ispejjez u fil-fatt kienet saret l-iskrittura li hi esebita a fol 41 tal-atti processwali.

Sussegwentement l-kwerelanti saru jafu li dik il-proprjeta' hija soggett ta' bejgh bis-subbasta u hemm saru jafu ukoll illi l-ipoteka iskritta favur taghhom kienet ta' 3,506.00 Liri maltin u mhux ta' 35,000.00 Liri maltin kif stennew li jsir;

4. Illi din il-proprjeta' inbieghet kif ordnat bis-subbasta u l-kwerelanti hadu ammont zghir mir-rikavat stante li mhux biss l-ipoteka kienet registrata fl-ammont appena deskritt izda ukoll ghaliex wara li kienet registrata ipoteka ghall-ammont kif pretiz mill-kwerelanti, l-istess jghid li waqt il-publikazzjoni tal-att ta' bejgh tal-proprjeta', l-imputat heggighom jiffirmaw karti li effettivament cedew favur terzi d-dritt taghhom naxxenti minn dik l-ipoteka. Ghalhekk talbu li jkunu inizjati proceduri kriminali kontra l-imputat fil-vesti tieghu ta' Nutar Pubbliku u li taw lok ghall-proceduri odjerni;

5. Illi l-ewwel Qorti ma sabitx htija fl-imputat kwantu l-ewwel imputazzjoni u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni izda sabitu hati tat-tieni wahda li tirravviza r-reat ipotizzat fl-artikolu 185 (1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk:

> **185 (1) Bla hsara tal-kazijiet imsemmijin fl-artikolu ta' qabel ta' dan it-Titolu, jekk ufficcjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa tliet snin.**

6. Issa qabel kull konsiderazzjoni ohra, l-Qorti tissenjala is-segwenti fatti, l-ewwel fosthom illi l-iskrittura tat-28 ta' Settembru, 2007 li hija wahda ta' kostituzzjoni ta' debitu, il-*causa* tal-kostituzzjoni hija "*rapprezentanti prezz ta' proprjeta fuq konvenju bejn il-partijiet gia mhallsa*". Mkien f'din l-iskrittura ma jissemmew spejjez maghmula mill-kwerelanti ossia mhallsa mill-kwerelanti lill-kuntrattur kif allegat mill-istess Joseph Cassar. Din il-proprjeta' kienet tikkonsisti f'*maisonette* u garage gewwa s-Swieqi li skond l-espert tal-Qorti nominat appozitament kellha valur ta' 60,111.00 Liri Maltin kwantu l-*maisonette* u 15,028 Liri Maltin kwantu l-garage fis-sena li fih sar il-konvenju. Issa, nofs dan il-valur li allura xtraw il-kwerelanti kien jekwivali ghall-37.569 Liri maltin filwaqt illi l-kwerelenti akkwistaw dan is-sehem ta' nofs indiviz ghas-somma ta' 19,500 Liri Maltin u s-somma ta' 37,569 Liri Maltin hija ukoll vicin l-ammont ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' 35,000 Liri Maltin *rapprezentanti prezz ta' proprjeta' fuq konvenju gia mhallsa*;

7. Illi tajjeb li jkun senjalat ukoll illi l-ammonti mnizzla fil-kostituzzjoni ta' debitu huma 3,506 Liri Maltin mnizzla bil-lapes u 35,000 Liri maltin miktuba f'ittri. Dwar dan, il-kwerelant jallega illi l-ammont fil-figuri kien thalla vojt u mtela mill-imputat wara li staqsieh ghaliex ma kienitx irregistrata l-ipoteka. Tajjeb li jkun senjalat ukoll illi fuq skrittura ohra bid-data tal-10 ta' Settembru, 2008 li hija kostituzzjoni ta' debitu bejn l-istess partijiet, l-kwerelant iddeskriva ruhu bhala business man (fol 55) u minkejja dan xehed illi fl-ewwel kostituzzjoni ta' debitu il-figura ta' 3,506 kienet miktuba bil-lapes (wara li ra f'idejn is-segretarja tal-imputat hafna zmien

wara). Inoltre, il-konvenju in kwistjoni esebit a fol 48 u datat 24 ta' Gunju 2004 huwa biss ghall bejgh u xiri ta' nofs indiviz tal-proprjeta' u ma jissemma ebda appalt ghat-tlestija tal-fond u huwa soggett ghall-hrug tal-permessi ghall-zvilupp;

8. Illi matul il-kompilazzjoni tal-atti processwali, l-kwerelanti ma ressqu l-ebda prova tal-ispejjez li jghidu li hallsu: la ricevuti ta' periti u lanqas xiehda tal-periti stess jew kuntratturi li allegatament hadmu fuq il-post; lanqas ma ressqu prova ta' kif saru dawn il-hlasijiet. Il-kwerelant jghid ukoll illi l-kostituzzjoni ta' debitu sar fis-sena 2005 u mhux fis-sena 2007 meta kienet registrata l-ipoteka. Ifisser ghalhekk illi iffirma ukoll in bjank kwantu d-data anke jekk ma qalx hekk specifikatament. Fl-10 ta' Settembru, 2008, jigifieri wara li l-proprjeta' inbieghet bis-subbasta, kienet iffirmata skrittura ohra ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn il-partijiet fl-ammont ta' Euro 81,530.00 li huwa l-ekwivalenti ta' 35,000.00 Liri Maltin u dan wara li, skond il-kwerelant, kien perswadit mill-imputat biex jirrinunzja ghall-ipoteka waqt il-bejgh tal-fond u wara tkun kostitwita skrittura ohra fl-ammont ta' 35,000.00;

9. Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti ssib htija fl-imputat fl-iskrizzjoni tal-ipoteka fl-ammont ta' 3,506.00 minflok ta' 35,000.00 u li dan in-nuqqas allura sar b'mod xjenti bi ksur tal-artikolu 185(1) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk mhux ser isir ebda stharrig dwar l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu kwantu din setghet imtliet, kif allegat, bil-qerq u b'falsifikazzjoni skond disposizzjonijiet ohra tal-ligi anke ghaliex l-imptutat kien liberat minn dan l-aspett;

Ikkunsidrat ulterjorment:

10. Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jillanja li l-prosekuzzjoni ma pruvatx il-kaz taghha fil-grad li trid il-ligi b'certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Ezaminata s-sentenza appellata, l-ewwel Qorti korrettament stabbiliet b'interpretazzjoni preciza tal-ligi illi l-imputat huwa ufficjal pubbliku u li kien fid-dmir li jiskrivi l-ipoteka fi zmien hmistax-il jum mill-ghoti taghha u li kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat korrett u mhux falsifikat skond l-artikolu 185 tal-Kodici Kriminali, L-ewwel Qorti kkonkludiet ukoll illi l-obligu tal-imputat kien li jiskrivi ipoteka fl-ammont ta' 35,000.00 Liri maltin ghaliex huwa l-ammont fl-ittri miktubin li jiggverna fejn hemm diskrepanza bejn il-valur f'cifri u l-valur f-ittri miktuba. Dwar dan l-ahhar aspett l-ewwel Qorti kienet ukoll korretta, izda kwantu dover li jiskrivi ipoteka fl-ammont ta' 35,000.00 jehtieg is-segwenti konsiderazzjoni;

11. L-imputat xehed illi ma kienitx taghmillu differenza jekk jiskrivix ipoteka ta' 35,000.00 minflok dik ta' 3,500.00 u li kien ghamel hekk ghar-raguni illi l-partijiet kienu ftehmu dwar id-dejn fl-ammont ta' 35,000.00 u li jkunu iskritti ipoteki maz-zmien skond il-htiega fl-ammont ikkappjat ta' 35,000.00. In sostenn tal-allegazzjoni tieghu, l-imputat jaghmel referenza ghall-klawsola ta' qabel l-ahhar tal-iskrittura a fol 41 li tipprovdi hekk:

> *In garanzija tar-restituzzjoni tal-imsemmija somma jekk ikun il-kaz il-komparenti Alan Briffa nomine qed jikkostitwixxi favur Joseph Cassar li jaccetta ipoteka specjali*

*fuq il-garage illum konvertit f'Maisonette b'garage sottostanti numru sebgha u ghoxrin (27) Triq il-Ghajn Swieqi soggett ......*

12. U ghalhekk qed jistrieh fuq il-kliem "*jekk ikun il-kaz".* Anke hawn, din il-Qorti tesprimi r-rizervi taghha kemm bniedem fin-negozju lest jiffirma ghal klawsola ta' din in-natura jekk verament ried minghand il-kuntrattur ipoteka biex tkopri l-ammont dovut. L-istess imputat xehed illi ma setghax jifhem ghaliex il-kwerelant ried li ssir kostituzzjoni ta' debitu fuq il-prezz tal-proprjeta' meta dan hu kawtelat bil-konvenju nnifsu;

13. Jidher illi l-kwistjoni kollha taggira fuq l-allegazzjoni inferita illi li kieku kienet iskritta ipoteka fl-ammont ta' 35,000.00 tempestivament, il-fond ma kienx jinbigh bis-subbasta jew inkella fl-eventwalita' ta' bejgh l-kwerelant kien ikun risarcit bhala kreditur privilegjat. Dan izda jehtieg li jkun pruvat u mhux assunt. L-ewwel Qorti ma accettatx l-allegat principju ta' debitu ikkappjat u b'hekk ma emmnitx lill-imputat fid-deposizzjoni tieghu;

14. Tajjeb li f'dan l-istadju jkun ribadit dak wisq drabi osservat minn din il-Qorti illi fi gravam ta' din in-natura l-funzjoni taghha mhux dak li tara kif kienet tiddeciedi hi minflok l-ewwel Qorti jew li tiddeciedi mill-gdid, izda li tkun konvinta, wara ezami akkurat tal-provi, li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha bil-provi kif minnha akkolti. Din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u kif gia senjalat fil-paragrafi *supra* sabet ruhha f'dak li s-sentenzi Inglizi jsejhulu *a lurking doubt* dwar kemm verament kollox sehh kif rakkontat mill-kwerelant. Il-fatti

pprezentaw wisq dubji li ma setghux ma kienux senjalati mill-ewwel Qorti. Apparti dawk senjalati *supra,* tistaqsi din il-Qorti kif jekk il-valur tal-kuntratt kien thallas fl-intier tieghu, jigifieri 19,500.00 liri Maltin l-kwerelant kien hallas fi spejjez ammont fil-valur ta' 15,500.00 liri ohra meta ma kien hemm l-ebda obbligu li jaghmel hekk skond il-konvenju u liema ammonti mghaduda flimkien huma ferm u ferm vicin dak ta' 37,569.00 li huwa l-valur tan-nofs indiviz tal-proprjeta' fid-data tal-konvenju skond kif stmat mill-espert tal-Qorti?

15. Illi minn dak li jemergi mill-provi anke jekk mhux espressament dikjarat mill-kwerelant, din il-Qorti ikollha ukoll tistaqsi ghaliex il-kwerelanti xtraw dan in-nofs indiviz ta' proprjeta' b'konvenju li dam miftuh ghall-snin shah u meta fril-mori kien mistoqsi jekk fil-fatt dan kienx negozju ta' partecipazzjoni bejn il-partijiet sabiex eventwalment ibieghu il-fond zviluppat? Dawn il-hwejjeg ma setghux ma jkunux konsiderati mill-ewwel Qorti fl-evalwazzjoni tad-deposizzjoni tal-imputat fejn allega dak rakkontat *supra* u li dawn il-hwejjeg joholqu dubji serji dwar il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni;

16. Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li fil-kwadru ta' dan l-assjem ta' provi u incertezzi kien hemm dubji oltre li ragjonevoli li kellhom iwasslu lill-Ewwel Qorti tqis bhala favorevoli ghall-imputat u ghalhekk ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Anke jekk ghamlet evalwazzjoni korretta u studjata tal-ligi, il-provi kienu tali li juru li mhux kollox hu kif allegat mill-parti civili;

17. Ghal dawn il-motivi, qed tilqa' l-ewwel aggravju u ghalhekk ma hemmx htiega li tinoltre fl-aggravji ohra. Konsegwentement ukoll qed tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u tikkonfermah f'dik il-parti li biha lliberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni u fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni u thassarha f'dik il-parti li biha sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tal-konsegwenzjali piena u ordni ta' interdizzjoni u minflok tilliberah minnha u minn kull piena u konsegwenza ohra.